MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 699/2010

**Victor Micallef**

***kontra***

**Ronnie Spiteri**
**u**
**Stephen Azzopardi**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors mahluf prezentat fit-12 ta` Lulju 2010 li jaqra hekk –

*1. Illi l-konvenuti ottjenew fil-konfront ta` l-attur mandat ta` inibizzjoni numru 1466/08 fl-ismijiet Ronnie Spiteri et vs Roc-A-Go Crane Services Limited (Dok A) u dawn in kawtela ta` kawza fl-ismijiet Ronnie Spiteri et vs Paza Limited et (Citaz. Nru. 153/08) fejn il-konvenuti qeghdin jippretendu danni minhabba li qed jallegaw li korrew fuq ix-xoghol waqt li kienu qed joperaw crane proprjeta` tas-socjeta` Roc-A-Go Crane Services Limited ;*

*2. Illi b`effett ta` dan il-mandat gew affettwati diversi vetturi mhux biss dawk proprjeta` tas-socjeta` Roc-A-Go Crane Services Limited izda wkoll xi vetturi proprjeta` ta` l-attur Victor Micallef ;*

*3. Illi l-esponent talab ir-revoka tal-mandat ta` inibizzjoni de quo sa fejn dan jaffettwa l-vetturi proprjeta` ta` l-attur Victor Micallef ;*

*4. Illi l-konvenuti pero` mhux biss opponew ghal tali talba pero` talli fil-kawza msemmija li ghandha Citaz. Nru. 153/08 talbu li jigi kjamat fil-kawza l-attur Vicotr Micallef personalment ;*

*5. Illi kif ser jirrizulta ampjament Victor Micallef personalment ser jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju fil-kawza Citaz. Nru. 153/03 stante illi l-allegazzjonijiet kollha li saru mill-konvenuti f`dik il-kawza saru biss fil-konfront tas-socjeta` Roc-A-Go Crane Services Limited. In effetti jirrizulta wkoll illi Victor Micallef personalment gie kjamat fil-kawza solament sabiex jibqa` effetti l-mandat ta` inibizzjoni numru 1466/08 anke fuq vetturi ta` l-attur ;*

*6. Illi ghalhekk il-mandat ta` inibizzjoni numru 1466/08 fl-ismijiet Ronnie Spiteri et vs Roc-A-Go Crane Services Limited qieghed jinzamm effettiv fuq vetturi*

*proprjeta` ta` Victor Micallef personalment b`mod abbuziv u dan qieghed jirreka danni lill-istess attur;*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha -*

*i) Tiddikjara illi meta l-konvenuti ppresentaw mandat ta` inibizzjoni numru 1466/08 fl-ismijiet Ronnie Spiteri et vs Roc-A-Go Crane Services Limited u ppersistew illi dan jibqa` jaffettwa vetturi proprjeta` ta` l-attur dan ghamluh b`abbuz tal-proceduri tal-mandat ;*

*ii) Tiddikjara illi a kawza ta` dan l-attur sofra danni ;*

*iii) Tillikwida d-danni sofferti mill-attur ;*

*iv) Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjez inkluz dawk ta` mandat ta` sekwestru numru (sic) ippresentat kontestwalment u l-imghax u l-konvenuti ngunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur.

Rat ir-risposta mahlufa tal-konvenuti prezentata fit-23 ta` Novembru 2010 li taqra hekk –

*1a) Preliminarjament l-intempestivita` tal-azzjoni odjerna, u dana billi l-azzjoni hi mpernjata fuq l-ezitu ta` kawza li ghadha sub judice, pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet 'Rikors Guramentat Numru 153/08 FS Ronnie Spiteri u Stephen Azzopardi vs*

*1) Paza Limited 2) Roc-A-Go Crane Services Limited 3) Jason Zammit u Victor u Louis Micallef kjamati fil-kawza'. Din il-kawza ghadha fl-istadju tal-bidu tal-provi tal-konvenuti, pero` r-rikorrent Victor Micallef, fir-rikors guramentat odjern, stranament jippremetti li "... kif ser jirrizulta ampjament Victor Micallef personalment ser jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju fil-kawza Citaz. Nru. 153/08...". Ghalhekk l-azzjoni hi wahda prematura u mhux f`waqtha, billi guridikament hadd ma jista` jaghmel kawza ghad-danni kagunati lilu bil-hrug ta` mandat kawtelatorju, meta l-mertu ta` dik il-kawza li dwarha nhareg il-mandat ghadu mhux deciz. Jirrizulta wkoll li t-talbiet attrici huma marbuta ma` grajja : l- gheluq definittiv tal-kawza Rikors Guramentat Numru 153/08FS : li ghadha ma sehhitx u mhux maghruf meta se ssehh ;*

*1b) Illi huwa evidenti li r-rikorrent ipprezenta din il-kawza unikament sabiex jipprova jdghajjef il-posizzjoni tal-parti avversa mhux b`azzjoni legali mahsuba u ben misurata izda bil-presentata ta` kawza u b`att kawtelatorju (Mandat ta` Sekwestru li diga` gie revokat) intiz biex jaghmel hsara finanzjarja lin-naha l-ohra – dan meta propju r-rikorrent jaf li l-intimati huma nies li jridu jghajjxu familja shiha u "jaqilghuha u jiekluha", u s-sitwazzjoni finanzjarja taghhom hi ben diversa minn tieghu. U dan il-Qorti ma tistax la tittollera u lanqas tippermetti dan ghaliex mhux dak huwa l-iskop tal-ordinament guridiku taghna li huwa fondat on the rule of law (vide f`dan is-sens id-decizjoni tal-Prim`Awla, per Onor. Imhallef Joseph Zammit McKeon, tad-29 ta` April, 2009 fl-atti tar-Rikors Numru 168/2009 'Grands Properties Limited -vs- Domestica Limited) ;*

*2) Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, qed issir riferenza ghall-fatt illi din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, diga` rrevokat Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju mahrug mir-rikorrent marbut ma` din il-kawza, ghar-raguni li dik il-Qorti ma kenitx sodisfatta li l-mandat ta` inibizzjoni ntavolat mill-eccipjenti, li l-hrug tieghu qed jigi attakkat f`din il-kawza, seta` jwassal ghad-*

*danni pretizi minn Victor Micallef, u dan meta wiehed iqis li diversi talbiet li saru ghar-revoka ta` dan il-Mandat gew michuda minn din il-Qorti – kopja tad-digriet tal-Prim`Awla datat 28 ta` Settembru 2010 qed tigi annessa u mmarkata Dokument RS1 ;*

*3) Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess ukoll, ir-rikorrent Victor Micallef qed jabbuza b`mod sfrenat mill-process gudizzjarju, in kwantu ntiz biss biex jittenta jilwi id l-intimati u jaghmel pressjoni indebita kontra l-intimati sabiex iggieghlom jaccettaw it-termini tieghu u <u>jcedu l-kawza li huma (i.e. l-intimati) ghandhom pendenti kontrih fl-ismijiet</u> 'Rikors Guramentat Nru. 153/08FS Ronnie Spiteri u Stephen Azzopardi vs Paza Limited et' ;*

*4) Illi t-traskuragni u n-nuqqasijiet grossolani ta` Victor Micallef, fosthom li kellu krejn li ma kellux imqar il-basic safety features u sahansitra lanqas polza ta` assikurazzjoni, u li b`konsegwenza ta` hekk l-intimati waqghu ghal isfel minn gholi minn go gagga li kienet merfugha mill-istess krejn, wasslu ghall-incident li fih sfaw korruti u dizabilitati serjament l-intimati. Dwar dan l-incident infethet il-kawza kontra Victor Micallef u ohrajn. Ir-rikorrent qered sahhet iz-zewg intimati li kienu fl-ahjar taghhom, b`mod u manjiera illi llum huma mmazzrati f`dak kollu illi jaghmlu fil-hajja taghhom ta` kuljum u ma jistghux jghixu hajja normali. L-intimat Stephen Azzopardi lanqas biss jista` jaghmel xi tip ta` xoghol u qed ikollu "jghajjex" familja b`beneficcji socjali mizeri li jhallsu d-Direttur tas-Sigurta` Socjali filwaqt li l-intimat Ronnie Spiteri hu wkoll dizabilitat serjament u, ghalkemm qed jerga` jahdem, ghandu paga baxxa ;*

*5) Illi t-talbiet tar-rikorrent huma wkoll mhux misthoqqa meta hu diga` kellu <u>erba` (4) digrieti ta` din il-Qorti</u> diversament presjeduta (tnejn mill-Imhallef Abigail Lofaro u tnejn mill-Imhallef Lino Farrugia Sacco), li ordnaw li l-Mandat ta` Inibizzjoni numru 1466/08 ghandu*

*jibqa` fis-sehh, u b`hekk cahdu t-talbiet ghar-revoka tal-istess Mandat ta` Inibizzjoni ;*

*6) Illi r-rikorrent, ghaliex ra li ma gabhiex zewg bil-mezzi li taghtih il-ligi biex jigi revokat il-Mandat ta` Inibizzjoni, issa qed jaghmel kawza ghad-danni, fejn qed jippremetti li ser jirbah il-kawza pendenti quddiem l-Imhallef Farrugia Sacco, u qed jghid ukoll li d-decizjonijiet* ***tal-Qorti*** *fejn ordnaw li jinzamm fis-sehh il-Mandat ta` Inibizzjoni huma abusivi ! Dankollu, meta t-tort ta` Victor Micallef li wassal ghall-incident fejn korrew l-eccipjenti qed jirrizulta b`mod lampanti fil-kawza pendenti quddiem l-Imhallef Farrugia Sacco !*

*7) Illi l-gurisprudenza kostanti tghallem li r-responsabbilita` ghad-danni ta` min jintavola mandat kawtelatorju ssib il-limitazzjoni taghha fl-artikolu 836(8) tal-Kap.12, b`zieda li tista` wkoll tiddependi mill-vessatorja u/jew il-mala fede ta` dak li jkun nieda dawk il-proceduri ai termini tal-artikolu 1031 tal-Kap. 16 (vide f`dan is-sens id-decizjoni tal-Prim`Awla, per Onor. Imhallef Tonio Mallia, tat-18 ta` Settembru, 2002 fl-ismijiet Citazzjoni Numru: 883/02 TM fl-atti tal-Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju numerat 1488/02 fl-ismijiet John Zarb vs Port Cottonera Limited) – u fil-kaz odjern diga` hemm erbgha (4) pronunzjamenti gudizzjarji li jikkonfermaw li l-intimati ghamlu sew li ntavolaw il-Mandat ta` Inibizzjoni. Kieku ma kienx hekk, il-jedd li wiehed jikkawtela l-pretensjonijiet tieghu, partikolarment meta jkunu ben assodati bhal fil-kaz odjern, jintilef darba ghal dejjem. Ghalhekk ukoll wiehed ma jistax jitkellem dwar il-vessatorjeta` jew mala fede min-naha tal-intimati li tista` trendihom passibbli ghad-danni, u dan anke kieku ghall-grazzja tal-argument biss ir-rikorrent Victor Micallef kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju fil-kawza Rikors guramentat numru 153/08FS ;*

*8) Illi f`kull kaz jekk id-dritt li wiehed jintavola mandat kawtelatorju jkunx gie abbuzat jew le irid jigi determinat* ***WARA*** *li jkun inghata* ***l-GUDIZZJU FINALI fil-***

***kawza li dwarha kien intavolat il-Mandat ta` Inibizzjoni li minnu qed jilmenta r-rikorrent****, ghax altrimenti bl-azzjoni proposta mir-rikorrent ser nigu f`sitwazzjoni fejn ser ikollok zewg Qrati differenti li qed jinvestigaw <u>l-istess mertu fl-istess waqt</u> – ghaliex certament li biex din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni jekk il-Mandat ta` Inibizzjoni ntavolat fl-atti tal-kawza l-ohra fl-ismijiet inversi kienx abusiv jew le, hi trid necessarjament tinvestiga l-mertu tal-kawza l-ohra, meta <u>l-kawza l-ohra ghadha mhux deciza. U ghalhekk Victor Micallef qed jistieden lill-Qorti sabiex tidhol f`ezercizzju doppju u perikolu ghax jista` "jippregudika" l-ezitu ta` kawza ohra li ghadha sub judice</u>, u din hi certament xi haga li din il-Qorti kif presjeduta mhix ser tippermettilu ;*

*9) Illi f`kull kaz ukoll ir-rikorrent ma sofra l-ebda danni.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti.

Rat ukoll id-dokument li kien esebit mar-riposta mahlufa.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-2 ta` Dicembru 2010 (fol 16) fejn halliet il-kawza ghall-provi kollha tal-partijiet u trattazzjoni finali ghall-udjenza ta` nhar it-Tnejn 31 ta` Jannar 2011 fl-10.00 a.m.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-31 ta` Jannar 2011 (fol 19-20) fejn, ghar-ragunijiet illi tat, iddikjarat maghluq l-istadju tal-provi tal-attur u ordnat lill-konvenuti sabiex iressqu l-provi taghhom.

Rat digriet iehor taghha moghti fl-istess udjenza fejn laqghet it-talba tad-difensur tal-attur, li ma kenitx opposta mill-konvenuti, sabiex jipprezenta kopja legali tal-atti tal-Mandat ta` Inibizzjoni Nru.1466/2008 bhala prova fil-kawza tal-lum.

Qieset il-provi li tressqu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-31 ta` Jannar 2011.

Rat id-digriet taghha l-iehor taghha moghti f`din l-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Fatti</u>**

Mill-atti tal-Mandat ta` Inibizzjoni Nru.1466/08 AL li kienu esebiti mill-attur bhala prova fil-kawza tal-lum jirrizulta hekk –

1) Fl-24 ta` Settembru 2008, il-konvenuti fil-kawza tal-lum ipprezentaw rikors, skond l-Art.874 tal-Kap.12, fejn, in kawtela ta` kreditu taghhom hemm indikat, talbu lill-Qorti sabiex tordna l-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni kontra l-kumpannija Roc-A-Go Crane Services Limited sabiex tinzamm milli tbiegh, tnehhi, tittrasferixxi jew tiddisponi *inter vivos* sew b`titolu oneruz jew gratwitu mill-krejn bin-numru ta` registrazzjoni DBQ 174 u kull krejn u vetturi, muturi u ingenji ohra registrati f`isem l-imsemmija kumpannija u/jew f`isem l-attur fil-kawza tal-

lum jew f`isem Louis Micallef ID 90257M bhala rapprezentanti u/jew ghan-nom tal-istess kumpannija.

2) B`digriet taghha tal-24 ta` Settembru 2008, din il-Qorti laqghet it-talba provvizorjament skond kif kien indikat fl-istess digriet.

3) Fir-risposta taghha tat-30 ta` Settembru 2008, il-kumpannija Roc-A-Go Crane Services Limited, filwaqt li tat ir-ragunijiet taghha ghala ma kellux johrog il-Mandat sostniet ukoll li Victor Micallef ma kellu l-ebda konnessjoni maghha.

4) Fost id-dokumenti li kienu esebiti waqt is-smigh tar-rikors kien hemm kopja tar-Rikors Guramentat Nru.153/08 CFS fl-ismijiet *Ronnie Spiteri et vs Paza Limited et* fejn fil-qosor il-konvenuti fil-kawza tal-lum ghamlu azzjoni ghal danni minhabba korriment li garrbu f`incident li gara fis-17 ta` Frar 2006 u fejn imputaw il-htija ghal li kien gralhom lill-konvenuti flimkien u *in solidum.* F`dik il-kawza, jirrizulta li l-konvenuti citati kienu Paza Limited, Roc-A-Go Crane Services Limited u Jason Zammit.

5) Fil-kors tas-smigh tar-rikors xehed Brian Farrugia mill-Awtorita` tat-Trasport fejn esebixxa l-*logbooks* tal-vetturi kollha li kienu registrati f`isem Roc-A-Go Crane Services Limited, f`isem l-attur fil-kawza tal-lum u f`isem Louis Micallef. Il-krejnijiet kollha huma registrati f`isem Louis Micallef li huwa direttur ta` Roc-A-Go Crane Services Limited.

6) B`digriet taghha tat-23 ta` Ottubru 2008, din il-Qorti diversament presjeduta laqghet it-talba ghall-hrug tal-Mandat.

7) B`digriet taghha tal-24 ta` Novembru 2008, din il-Qorti diversament presjeduta cahdet it-talba ta` Roc-A-Go Crane Services Limited sabiex il-Qorti tispecifika liema vetturi kienu kolpiti bil-hrug tal-Mandat fis-sens li ssir distinzjoni bejn vetturi registrati f`isimha u dawk registrati f`isem id-diretturi.

8) Fit-3 ta` Gunju 2009, l-attur fil-kawza tal-lum ipprezenta rikors fl-atti tal-kawza Nru.153/08 CFS fl-ismijiet *Ronnie Spiteri et vs Paza Limited et* fejn *inter alia* talab lill-Qorti sabiex, skond l-Art.836(1)(f) tal-Kap.12, tirrevoka *in parte* l-Mandat Nru.1466/08 fejn dan kien qieghed jolqot lill-istess Victor Micallef.

9) B`digriet taghha tat-22 ta` April 2010 din il-Qorti diversament presjeduta, ghar-ragunijiet hemm moghtija, cahdet it-talba tal-attur fil-kawza tal-lum.

Fil-kors tal-kawza tal-lum, xehed Frank Mercieca, Direttur – Qrati Civili u Tribunali, dwar il-kawza Nru.153/08 CFS fl-ismijiet *Ronnie Spiteri et vs Paza Limited et.* Huwa kkonferma li dik il-kawza kienet ghadha pendenti. Skond il-verbal tal-udjenza tal-1 ta` Novembru 2010 li esebixxa bhala Dok FM1, irrizulta li l-kawza kienet fl-istadju tal-provi tal-konvenuti. Xehed ukoll dwar il-Mandat Nru.1466/08 li d-dettalji tieghu diga` kienu trattati minn din il-Qorti.

Xehed ukoll Brian Farrugia mill-Awtorita` tat-Trasport li ma zied xejn aktar ma` dak li kien diga` xehed fit-trattazzjoni tar-rikors ghall-hrug tal-Mandat.

**Ikkunsidrat :**

## III. <u>Risultanzi</u>

Mir-rikors guramentat ta` Victor Micallef, jirrizulta konfermat li l-istess Victor Micallef huwa kjamat fil-kawza Nru.153/08 CFS fl-ismijiet *Ronnie Spiteri et vs Paza Limited et.* Mela jekk fl-esitu ta` *dik* il-kawza jirrizulta pruvat li huwa *personalment* kellu xi htija wahdu jew ma` haddiehor ghal dak li qieghed jigi allegat li gara ghad-dannu ta` Ronnie Spiteri u Stephen Azzopardi, allura l-Mandat Nru.1466/08 ghandu jibqa` fis-sehh ghaliex *jista`* jkun qieghed jikkawtela l-pretensjonijiet tal-istess Ronnie Spiteri u Stephen Azzopardi. Ghall-fini ta` *din* il-kawza mhijiex rilevanti l-pretensjoni ta` Victor Micallef li huwa estranew ghal dak li qieghed jigi reklamat minn Ronnie Spiteri u Stephen Azzopardi fil-kawza l-ohra.

Jekk il-konvenuti fil-kawza tal-lum ikkommettew abbuz fil-konfront tal-attur, kif jallega l-attur partikolarment fil-hames paragrafu tar-rikors mahluf odjern, dan ma jistax jirrizulta fil-kawza tal-lum, izda *jista` forsi* jirrizulta mill-kawza Nru.153/08 CFS fl-ismijiet *Ronnie Spiteri et vs Paza Limited et* li ghadha *sub judice.* L-azzjoni attwali tal-attur kif dedotta ma tistax tirnexxi dment li tkun ghadha *sub judice* il-kawza l-ohra. Biss b`dik il-kawza ssir *res judicata jista`* Victor Micallef ikun f`qaghda li jidderigi ruhu. Ghalhekk l-eccezzjoni preliminari tal-intempestivita` tal-azzjoni attrici odjerna hija fondata u, abbazi taghha l-ewwel talba, ma tistax tkun milqugha. Fi kwalunkwe kaz, it-tliet talbiet l-ohra attrici ma gewx pruvati.

## IV. <u>Decide</u>

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt illi qeghda tilqa` l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti, u cioe` l-intempestivita` tal-azzjoni attrici, qeghda tichad it-talbiet attrici kif dedotti, bl-ispejjez kontra l-attur.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------